# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 7 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 18.**

**Citazz. Nru. 1585/00 JRM.**

**Middle Sea Insurance plc.**

**vs**

**Anton Micallef**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet;

Illi fit-tmienja ta' Awissu elf disa' mija disgha u disghin (8/8/99) gara incident stradali fil-limiti tal-Imgarr, Malta, bejn karozza Hyundai Accent numru HAC 014 misjuqa mill-konvenut u karozza Citroen FAI 065 tal-konjugi Kevin

u Mariella Schembri, liema karozza kienet assikurata b'polza "comprehensive" mal-Middle Sea Insurance plc;

Illi in vista ta' dina l-polza is-socjeta' attrici kellha taghmel fronti ghad-danni li jaqghu tahtha;

Illi minhabba f'hekk is-socjeta' attrici rikorriet danni fl-ammont ta' hamest elef tliet mija u tmienja u tletin lira (Lm5,338) ;

Illi ghall-incident stradali imsemmi kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;

Illi, nterpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni l-konvenut baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tiddikjara lill-konvenut reponsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni rizultat tal-istess incident;

2. tillikwida d-danni mgarrba u li ghamlet fronti ghalihom is-socjeta' attrici kif inghad fis-somma ta' hamest elef tlett mija tmienja u tletin liri (Lm5338) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata occorrendo bl-opra ta' perit nominanti;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dak il-quantum dikjarat dovut lilha kif inghad;

Bl-ispejjez komprizi Lm23 ta' konsulti; dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2000 (b'zewg notifiki); dawk tal-ittra ufficjali tal-lum bl-assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2000 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni  u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenut prezentata u moqrija llum stess waqt is-smigh tal-kawza li biha ammetta it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fl-ammisjoni tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici** kif dedotti fic-citazzjoni u filwaqt li tiddikjara lill-konvenut responsabbli unikament ghall-incident mertu tal-kaz, tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef tlett mija tmienja u tletin (Lm5338) kif mitlub fl-att tac-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenut, u bl-imghaxijiet dekorribbli mit-tnejn t'April, 2000, sal-jum tal-hlas effettiv.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7, ta' Novembru, 2000.**